MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-1 ta' Settembru, 2006

Numru 11/2006

**App Nru 11/06**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Andre` Debono**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Andre` Debono (d.t.t. 27/02/1979, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 5979(G)) talli fit-30 ta' Settembru 2005 ghall-habta tas-sebgha ta' filghodu fi Triq Papa Gwanni Pawlu II, Rabat, Ghawdex

1. saq mutur bin-numru tar-registrazzjoni IBH-172 b'manjiera traskurata;
2. naqas li jiehu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega waqt li kien ser jaqbez vettura ohra; u

3. b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni u b’nuqqas tat-tharis tar-regolamenti habat ma’ vettura BBG-101 u kkaguna hsara involontarja ghad-dannu ta’ Serafin Formosa minn San Lawrenz.

Il-prosekuzzjoni talbet li f’kaz ta’ htija l-imsemmi Debono jigi skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ zmien li l-Qorti jidhrilha li jkun xieraq;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-10 ta’ Jannar 2006 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Andre` Debono hati skond l-ewwel zewg imputazzjonijiet, u ddikjarat procediment ezawrit fir-rigward tat-tielet imputazzjoni “stante rinunzja da parti ta’ Serafin Formosa”; ikkundannat lill-istess Andre` Debono multa ta’ tletin lira (Lm30) u skwalifikatu mil-licenzja tas-sewqan ghal gimgha mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Andre` Debono, minnu prezentat fis-26 ta’ Jannar 2006, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-10 ta’ Lulju 2006; ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant jikkonsisti bazikament filli huwa jghid li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi li kellha quddiemha bil-konsegwenza li waslet ghal konkluzzjoni wkoll zbaljata. Skond l-appellant dak li gara kien li hu kien ghaddej isuq il-mutur wara vettura, u meta gie biex jossorpassa din il-vettura, ghalkemm kien ghadu fil-karreggjata tieghu, il-vettura li kienet gejja mid-direzzjoni opposta (BBG-101) biex tevita hofra gibdet ‘l barra u laqtitu zbrixx (billi habtet mal-*footrest* tal-mutur). Ghalhekk skond l-appellant huwa ma kellu ebda tort ghall-akkadut, u li b’ebda mod ma jista’ jinghad li saq b’manjiera traskurata jew li naqas milli jiehu l-prekawzjonijiet mehtiega waqt li kien qed jissorpassa.

Din il-Qorti tibda biex tinnota li wara li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum, l-appellant, permezz tal-Avukat tieghu Dott. Mario Scerri, ippresenta nota b’zewg faccati

fotokopja mill-*Highway Code*. Din in-nota, u d-dokument li jakkumpanjha, ma kienet b'ebda mod awtorizzata minn din il-Qorti u ghalhekk din il-Qorti mhux biss ser tinjora din in-nota u d-dokument anness maghha, izda qed tordna wkoll l-isfilz tal-istess nota u z-zewg faccati fotokopja. Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qrati ta' Ghawdex li hija m'ghandhiex tinserixxi atti fil-processi li ma jkunux awtorizzati b'disposizzjoni tal-ligi jew mill-Qorti, aktar u aktar meta l-kawza tkun thalliet ghas-sentenza.

Ezaminati bir-reqqa l-provi kollha, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddiskosta ruhha mill-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti. L-ewwel qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li effettivament waslet ghaliha, u cioe` li kien l-appellant li naqas f'dik li hija attenzjoni u prudenza fis-sewqan tieghu, nuqqas li kien il-kawza immedjata tal-habta mal-vettura BBG-101.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-periodu ta' gimgha skwalifika mill-licenzja tas-sewqan jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------